# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Spettur Charlotte Curmi**

**Vs**

**Clive Brincat**

**Kawza: Kollizzjonijiet**

**Illum: 4 ta' Dicembru, 2023.**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Clive Brincat ID 295783 M iben Amadeo Brincat u Ruth Brincat nee Camilleri imwieled fil-31/05/1983 u joqghod Kalkara Heights Blk B Flat 4 Triq il-Genista, Kalkara talli fit-8

ta’ Gunju, 2017 ghall-habta ta’ 09:30 hrs gol-fabbrika tal-KASCO Hal-Far soqt Fork Lifter tal-ghamla Toyota u talli;

1. Soqt l-imsemmija vettura b’manjiera traskurata.
2. B’nuqqas ta’ hsieb , bi traskuragni , jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni , jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat-traffiku ikkagunajt offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Paul Fenech skond kif iccertifika Dr Tara Gnocchi MD mill-MDH.

Il-Prosekluzzjoni titlob li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Rat l-artikoli Kap 65 15(1)( a) (2), Kap 9 226(1) (c ) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet x-xhiedha kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezibiti.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**

**<u>Xylon Muscat,xehed hekk:</u>**

Qorti: Tahlef li tghid is-sewwa, s-sewwa kollu u xejn hlief is-sewwa

Pros: X`tghidilna fuq il-jkaz sinjur?

Xhud: Nhar it-8 ta` Gunju, 2017 konnha gejna infurmati bhala awtorita li kien sehh incident b`Fork Lifter gewwa Casco

BLB Triq A Bulebel iz-Zejtun,  mil-investigazzjoni mir-rapport certu Clive Brincat 295783m kien qed jirriversja il-Fork Lift u rifes lil certu Paul Fenech Id card 528971m.

Qorti: Imma inti ma kontx prezenti?

Xhud: Le le ahna wara morna.

Xhud: Meta kellimna lil Clive Brincat stqarr li meta irriversja hares lura u ma raha lil hadd izda x`hin beda jirriversja semgha l-ghajjat u waqaf mal-ewwel u rega saq il-quddiem.

Qorti: Inti lil Clive Brincat f`xi mument kellimtu int?

Xhud: Kellimtu fuq il-post.

Qorti: Qed tarfu hawnekk?

Xhud: Ix-xhud indika l-imputat.

Pros: Minn naha tal-OHSA intom rajtu xi nuqqasijiet xi stajtu tosservaw bhala awtorita?

Xhud: Mela iccekkjajana l-alarm tal-backup alarmu beagle lights jahdmu l-unika nuqqas li kien hemm minn naha taghna il-Fork Lift ma kienx iccertifikat minn enginier.

Pros: In-norma hi li ccertifikazzjoni tkun hemm?

Xhud: Yes umbaghad gie iccertifikat fid-9 ta` Gunju 2017 wara l-incident.

Avu: Ic-certifikat responsabbilta ta` min?

Xhud: Tal-Employer.

Avu: U inti mal-Employer ikkomunikajt?

Xhud: Iva ikkomunikajna umbaghad baghtu l-ghada.

Avu: Imma naqblu hawnekk li Clive Brincat mhuwiex l-Employer?

Xhud: Dazgur li le Clive huwa haddiem.

W 219 E Galea xehdet permezz ta’ affidavit dwar l-involviment taghha fil-kas

## Kunsiderazzjonijiet

Ma hemm l-ebda livell ta’ provi kif rikjest fil-kamp kriminali sabiex tinhareg xi risponsabilta’ tal-imputat.

Ma hemm l-ebda konferma bil-gurament tal-griehi ta’ Paul Fenech.

Xylon Muscat xehed dwar incident go lokalita’ differenti.

WPS 219 E Galea ma taghat l-ebda twissija dwar dritt ta ‘ avukat jew li jista’ ma jixhidx jekk ser jinkrimina ruhu lil Clive Brincat u bhekk kwassijasi stqarrija mhux valida.

## Decide

Ghaldaqstant ghal dawn il- motivi ma ssibx lil Clive Brincat hati ta’ l-ebda wahda mill-imputazzjonijet u qieghda konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**